MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 351/2004

Kawza fil-lista: 21

**A B**
**vs**
**D B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni prezentat fit-18 t' Ottubru 2004 li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li l-partijiet izzewwgu fis-26 ta' Settembru 1999, u minn dan iz-zwieg ghandhom tifla bl-isem E li fid-data tal-prezentata ta' l-att odjern kellha hames [5] snin; li l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt ippubblikat fis-17 ta' Jannar 2002; li skond il-klawsoli numri tlieta [3] [b] u [c] il-konvenut huwa obbligat ihallas lill-attrici bhala manteniment ghall-minuri s-somma ta' sittin [LM60] fix-xahar, bl-awment tal-gholi tal-hajja kull sentejn; li l-konvenut kien moruz f' dan l-obbligu tieghu f'

diversi okkazzjonijiet, u inadempjenti dwar iz-zieda; li wara l-kuntratt it-tifla giet djanostikata b’ kondizzjonijiet medici fosthom li hija autistic u tiehu biss dairy free products; li dawn l-ispejjez godda mhumiex koperti bil-manteniment pattwit, u huma ta’ oneru finanzjarju kbir ghall-attrici; li skond il-klawsola numu [2][b] l-konvenut ghandu dritt ta’ access ghall-minuri tlett darbiet fil-gimgha, izda l-istess konvenut diverti drabi naqas milli jezercita dan id-dritt, u meta jezercitah lanqas biss jibqa’ mal-minuri; li dan l-agir tal-konvenut qed ikompli johloq konfuzjoni f’ mohh il-minuri li tehtieg hafna uniformita’ minhabba l-autism taghha; li skond il-klawsola numru 2[c] il-partijiet obblikaw ruhhom li ma jesponux lill-minuri ghal prezenza ta’ terzi persuni li jnisslu suspett fondat fid-dritt tal-fedelta’ fiz-zwieg; li l-attrici li ghad ghandah 24 sena ilha f’ relazzjoni serja ghal dawn l-ahhar sentejn, u tixtieq li din il-klawsola tigi varjata fis-sens li l-attrici tigi awtorizzata tkompli relazzjonijiet li jista’ jkollha ma’ terzi persuni fil-prezenza tal-minuri, b’ dan li ma ssir l-ebda hsara lill-istess minuri; li hija ottjeniet id-debita awtorizzazzjoni sabiex taghmel il-kawza odjerna; ghaldaqstant talbet li din il-Qorti:

1. Tordna li l-konvenut ghandu jhallas nofs l-ispejjez tal-edukazzjoni u nofs l-ispejjez medici tal-minuri Shana;

2. Tordna li kwalsiasi flejjez dovuti mill-konvenut bhala manteniment (inkluz zidiet tal-gholi tal-hajja u arretrati) u hlasijiet ta’ sehemu mill-ispejjez tal-edukazzjoni u mill-ispejjez medici ghandhom jinqatghu direttament mis-salarju tal-konvenut u jintbaghtu direttament mill-employer tieghu lill-attrici.

3. Tiffissa l-access li l-konvenut ghandu jezercita versu l-minuri Shana, li f’ kaz ta’ htiega ghandu jigi esercitat taht supervizjoni minn persuni nominati mill-Qorti.

4. Tordna li l-klawsola numru 2 (c) tal-kuntratt ta’ separazzjoni tal-kontendenti ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Debono fis-17 ta’ Jannar, 2002 ghandha tigi sostitwita fis-sens li l-attrici tigi awtorizzata tkompli relazzjonijiet li jista’ jkollha ma’ terzi persuni fil-presenza

tal-minuri Shana, b’ dan li ma ssir l-ebda hsara lill-istess minuri Shana.

5. Taghti kull provvediment iehor li din il-Qorti jidhrilha xieraq u opportun fic-cirkostanzi tal-kaz.

Bl-ispejjez ilkoll kontra l-konvenut li huwa minn issa stess ingunt ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenut, debitament notifikat, ghazel li jibqa’ kontumaci;

Rat ir-rapport tal-perit legali l-Avukat Dottor Ramona Frendo, minnha debitament mahluf;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavit u d-dokumenti prezentati;

Semghet ix-xhieda tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob varjazzjoni fil-kuntratt ta’ separazzjoni ffirmat mill-partijiet fis-17 ta’ Jannar 2002, u precizament dwar il-klawsoli rigwardanti l-obbligu tal-hlas ta’ manteniment tal-konvenut ghal bintu minuri, u l-modalita’ ta’ l-access ghall-istess minuri favur il-konvenut.

**Il-Fatti**

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet iffirmaw kuntratt ta’ separazzjoni personali fis-17 ta’ Jannar 2002, meta allura l-attrici kellha circa 22 sena. F’ dan il-kuntratt gie pattwit, *inter alia*, [1] li l-konvenut kellu jhallas lill-attrici bhala manteniment ghat-tifla komuni taghhom ir-retta alimentarja ta’ [LM60] fix-xahar li ghandu jigi awmentat kull sentejn skont l-gholi tal-hajja; [2] li l-konvenut ikollu access ghat-tifla tlett darbiet fil-gimgha taht is-supervizjoni ta’ membri tal-familja tieghu; [3] li l-partijiet ma jesponux lill-minuri ghall-kumpanija ta’ terzi li jnisslu suspett fondat fid-dritt ta’ fedelta’ fiz-zwieg.

Illi sussegwenti ghall-iffirmar ta’ l-imsemmi kuntratt, it-tifla giet certifikata li tbati minn kondizzjoni medika [autism] u li tista’ tiehu biss prodotti bla halib. Dawn il-kondizzjonijiet tefghu piz finanzjarju akbar fuq l-attrici, li ghandha l-kura u kustodja tat-tifla, u wkoll kabbru l-bzonn li t-tifla jkollha aktar uniformita’ u stabbilita’ f’ hajjitha.

Illi l-attrici tghid li l-kawza prinicpali li wasslet ghas-separazzjoni personali bejn il-partijiet wara circa tlett snin ta’ konvivenza matrimonjali, kienet id-dipendenza tal-konvenut fuq id-droga erojina, liema cirkostanzi kienet tezisti anke qabel iz-zwieg minghajr ma hi kienet taf. Hija tispjega li l-konvenut kien jonqos diversi drabi milli jattendi ghall-access, b’dannu ghal minuri. Tghid ukoll li wara s-separazzjoni saret taf li l-konvenut rega’ qabad il-vizzju. Dan wassal sabiex permezz ta’ digriet provizorju l-Qorti ordnat li l-access isir b’ supervizjoni fil-bini ta’ l-Agenzija Appogg kull nhar ta’ Tlieta bejn 4.00pm u 5.00pm.

Illi fil-frattemp hija dahhlet u qeda f’ relazzjoni stabbli ma’ certu Fredrick Pace, bil-hsieb li dawn jizzewwgu hekk kif l-attrici tottjeni l-annullament. Tghid li dan is-sieheb taghha huwa dispost li jaccetta lit-tifla bil-problemi medici li hija ghandha, u dan statne li l-attrici u dan Pace qed jippjanaw li jibnu futur flimkien. Tghid ukoll li dan jghin lill-attrici finanzjarjament, anke b’ricerka fuq l-*internet* dwar il-kondizzjoni tat-tifla.

Illi fis-seduta peritali tas-27 ta’ Gunju 2006 il-partijiet wasslu ghal ftehim dwar il-modalita’ ta’ l-access, u li kopja tieghu qed tigi anness mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti ntegrali mill-istess [appendici A – fol.186].

Illi rigward l-introjtu tal-partijiet, il-provi huma skarsi ghall-ahhhar; jirrizulta pero’ li l-attrici tahdem, filwaqt li ma jirrizultax jekk il-konvenut bedhiex jahdem.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi din il-Qorti tikkondividi l-konsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet raggjunti mill-abli perit legali, li trattat il-kaz

b'mod dettaljat fir-rapport taghha, u li l-Qorti qed taddotta fl-intier tieghu.

*Manteniment*
Illi rigward il-manteniment dovut mill-konvenut lill-attrici ghat-tifla, il-Qorti taqbel li ghandu jkunu hemm awment fir-rata alimentarja pattwita fil-kuntratt tas-separazzjoni, u dana peress li l-htigijiet tat-tifla awmentaw sostanzjalment l-ispejjez ta' l-attrici fil-kura materjali tat-tifla.

Ghalhekk tordna li l-manteniment dovut mill-konvenut lill-attrici ghall-bzonnijiet kollha tat-tifla minuri ghandu jkunu ta' tlett mija, tmienja u tletin ewro [€338] [LM145] fix-xahar, deducibbli mill-paga tieghu f'kaz li jkollu mpieg, u mibghut direttament lill-attrici fir-residenza taghha. Dan l-ammont jinkludi l-ispejjez kollha relatati ma' l-edukazzjoni, u mas-sahha tal-minuri; hlief spejjez relatati mas-sahha u li huma ta' natura straordinarja, bhal ma huma nuccali u *braces* tas-snin liema spejjez ghandhom jinqassmu wgwalment bejn il-partijiet.

Ic-*children's allowance* u kull assistenza socjali relatata mat-tifla minuri ghandhom jigu percepiti mill-attrici.

Ferm il-premess il-Qorti taddotta fl-intier taghhom il-kontenut tar-rapport peritali minn pagni 187 sa 192.

*Access*
Illi f'dan ir-rigward jirrizulta li hemm qbil bejn il-partijiet, u ghalhekk taddotta fl-intier tieghu l-ftehim milhuq minnhom fir-rigward, b'mod li l-istess ftehim jitqies li jifforma parti mill-gudizzju odjern [appendici A – supra].

In propozitu l-Qorti semghet lill-attrici tiddeponi fl-udjenza tal-15 ta' Ottubru 2008, fejn dina qalet li t-tifla ghandha disa' [9] snin u ghandha problemi ta' komportament rizultat tal-kondizzjoni medika taghha. Qalet li l-konvenut ilu ma jezercita d-dritt ta' l-access tieghu u ilu ma jara lit-tifla "vicin sena"; u li dan qed jaffettwa lit-tifla b' mod negattiv.

Illi, fic-cirkostanzi, l-interessi tal-minuri jiddettaw li, ghalkemm l-Qorti ordnat li l-access favur il-missier ikun dak pattwit bejn il-partijiet, izda *rebus sic stantibus*, stante li jirrizulta mhux kontraddett li l-konvenut mhux qed jezercita dan l-access tieghu, il-Qorti tordna li dan l-access jigi sospiz, u jigi rijavvivat biss b'decizjoni ta' din il-Qorti fuq rikors maghmul *ad hoc* mill-konvenut, u dan in forza ta' l-artikolu 56[4] tal-Kap.16.

Illi rigward il-klawsola numru 2[c] il-Qorti taghmel referenza ghall-kontenut tar-rapport peritali fil-pagni numri 27 sa 31 u li kopja taghhom qed tigi annessa mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti ntegrali mill-istess [Appendici B – fols.192 sa 196].

Il-Qorti tikkondividi pjanament il-konsiderazzjonijiet maghmula mill-perit legali f'dan ir-rigward, u l-konkluzjonijiet raggjunti minnha. Jigi osservat biss li, tenut kont ta' l-eta' zghira ta' l-attrici, ir-raguni tas-separazzjoni fl-ewwel snin taz-zwieg, l-oneru kbir li l-kura u kustodja tat-tifla E jgib mieghu u li hu kollu kemm hu fuq l-attrici, dawn il-fatturi jirrendu ngusta d-decizjoni li din il-mara tkompli ticcahhad milli tistabbilixxi relazzjoni stabbli ma' ragel iehor bi skop ta' zwieg;  u ghalhekk, il-Qorti taqbel mal-perit legali l-klawsola 2[c] ghandha tigi varjata bil-mod stabbilit minnha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:

[1] tilqa' l-ewwel talba fit-termini, u kif stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Manteniment';

[2] tilqa' t-tieni talba, u tordna li l-manteniment kollu dovut mill-konvenut lill-attrici jigi mnaqqas direttament mis-salarju tal-konvenut, kull fejn dan jista' jkun impjegat, u mibghut direttament mill-imghallem lill-attrici li min-naha taghha ghandha tiehu hsieb li tinnotifika formalment lill-istess imghallem b' dan;

[3] tilqa' it-tielet talba fit-termini u kif indikat mill-perit legali fir-relazzjoni taghha fil-pagni 32 u 33 tar-rapport taht il-

partita numru tlieta [3][i] sa [v] u li kopja taghhom qed tigi hawn annessa sabiex tifforma parti mill-gudizzju odjern [appendici C – fols.197 – 198];

[4] tilqa’ r-raba’ talba fit-termini ta’ dak indikat mill-perit legali fil-pagna 33 [supra] taht il-partita numru erba’ [4];

[5] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames talba, stante li hija superfluwa;

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati konguntivament b’mod ugwali bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------